

Brussell, 9 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12658/25
ADD 1

ENV 817
MI 637
DELECT 127

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Settembru 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 5961 final - Annex
Suġġett:	ANNESS tad- Direttiva Delegata tal-Kummissjoni li temenda d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar, fl- aluminju u fir-ram

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 5961 final - Annex.

Mehmuż: C(2025) 5961 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.9.2025
C(2025) 5961 final

ANNEX

ANNESS

tad-

Direttiva Delegata tal-Kummissjoni

li temenda d-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' eżenzjoni għaċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar, fl-aluminju u fir-ram

ANNEX

Fl-Anness III tad-Direttiva 2011/65/UE, il-punti 6(a), 6(a)-I, 6(b), 6(b)-I, 6(b)-II u 6(c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“6(a)	Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar għal skopijiet ta' mmaxinjar u fl-azzar galvanizzat li jkun fih sa 0,35 % ċomb skont il-piż	Tiskadi fi [PO: 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva Delegata].
6(a)-I	Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-azzar għal skopijiet ta' immaxinjar u fl-azzar galvanizzat li jkun fih sa 0,35 % ċomb skont il-piż*	Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2027 għall-kategoriji kollha.
6(a)-II	Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fil-komponenti tal-azzar galvanizzat f'banju sħun bil-lott sa 0,2 % ċomb skont il-piż*	Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2027 għall-kategoriji kollha.
6(b)	Iċ-ċomb bħala element ta' lligar f'aluminju li jkun fih sa 0,4 % ċomb skont il-piż	Tiskadi fi [PO: 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva Delegata].
6(b)-I	Iċ-ċomb bħala element ta' lligar f'aluminju li jkun fih sa 0,4 % ċomb skont il-piż, sakemm joħroġ mir-riċiklaġġ tar-ruttam tal-aluminju li jkun fih iċ-ċomb*	Tiskadi fi [PO: 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva Delegata] għall-kategoriji 1-7, 10. Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2027 għall-kategorija 9 strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali, u 11.
6(b)-II	Iċ-ċomb bħala element ta' lligar fl-aluminju għal skopijiet ta' mmaxinjar b'kontenut ta' ċomb sa 0,4 % skont il-piż*	Tiskadi fi [PO: 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva Delegata] għall-kategoriji 1-7, 10. Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2027 għall-kategorija 9 strumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali, u 11.*

6(b)-III	Iċ-ċomb bħala element ta' lligar f'liġi tal-ikkastjar tal-aluminju li jkun fihom sa 0,3 % ċomb skont il-piż, sakemm joħroġ mir-riċiklaġġ tar-ruttam tal-aluminju li jkun fih iċ-ċomb*	Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2027 għall-kategoriji 1-8, 9 għajr l-istrumenti ta' monitoraġġ u kontroll industrijali, u 10.
6(c)	Liga tar-ram li jkun fiha sa 4 % ċomb skont il-piż*	Tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2027.”

“* L-eżenzjoni ma għandhiex tkopri l-EEE għall-forniment lill-pubbliku ġenerali meta t-tfal ikunu jistgħu jqiegħdu f'ħalqhom l-EEE jew il-parti aċċessibbli tiegħu, matul kundizzjonijiet normali jew prevedibbli ta' użu. Madankollu, l-eżenzjoni għandha tapplika meta jkunu jistgħu jintwera dawn it-tnejn li ġejjin:

ir-rata ta' rilaxx taċ-ċomb minn tali EEE jew kwalunkwe parti aċċessibbli, kemm jekk miksija kif ukoll jekk mhux miksija, ma taqbiżx iż-0,05 µg/cm² fis-sieġha (ekwivalenti għal 0,05 µg/g/h),

għall-oġġetti miksija, li l-kisja hija biżżejjed biex tiżgura li din ir-rata ta' rilaxx ma tinqabiżx għal perjodu ta' mill-anqas sentejn ta' kundizzjonijiet normali jew raġonevolment prevedibbli ta' użu tal-EEE.

Għall-fini ta' din in-nota f'qiegħ il-paġna, qiegħed jitqies li t-tfal jistgħu jqiegħdu f'ħalqhom EEE jew parti aċċessibbli ta' EEE jekk din tkun iżgħar minn 5 cm f'dimensjoni waħda jew jekk din ikollha parti li tinqala' jew parti ħierġa 'l barra ta' dan id-daqs.”